MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-13 ta' Awwissu, 2012

Numru 65/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Raffaello Nocerino**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Raffaello Nocerino**,** ta' 18 -il sena, iben Aniello u Maria Pasqua Di Donna, imwieled Torre Del Greco, Napoli, fl-Italja, nhar l-10 ta' Lulju 1994, residenti No. 61, Via Gaitano De Bottis, Torre Del Greco, Napoli l'Italja u detentur tal-kodici fiskali Taljan bin-No. NCRRFL94L10L2590 gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar id-9 ta’ Awwissu 2012 gewwa l-Fontana Ghawdex, ghal habta tas-sebgha ta’ filghaxija (19.00hrs);

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ ghamel hsara fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni GBO218 tal-ghamla Vauxhall Corsa liema hsara tammonta ghal aktar minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) izda ma tiskorriex l’elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) ghad-detriment ta’ Antoine Cini (ID No. 9386G)

Rat l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma fil-11 ta’ Awwissu 2012 minn din il-Qorti l-imputat Raffaello Nocerino ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat li l-kaz gie differit ghas-sentenza ghas-seduta tat-13 ta’ Awwissu, 2012.

Rat il-verbal tas-seduta tallum minn fejn jirrizulta li l-imputat ghadu ma hallasx l-ammont li obbliga ruhu li jhallas, izda ghal darb’ohra tenna li jrid ihallas id-danni kagunati u peress li jrid imur lura pajjizu talab li jinghata biss ftit zmien biex ikun jista’ jhallas l-istess ammont u ddikjara li ftit sieghat ghalih huma sufficjenti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ghalhekk din hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li taghha qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta’

dawn il-proceduri. Inoltre' kkunsidrat ukoll il-fatt li l-imputat wara li obbliga ruhu li jhallas l-ammont ta' sitt mija u disgha u sebghin Euro (€679) lill-parte civile ossija lil Antoine Cini rapprezentanti l-hsara kagonata fuq il-vettura ta' l-istess Antoine Cini sallum dawn baqghu ma thallsux. Min-naha l-ohra hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat ghadu jsostni li huwa irid ihallas id-danni kagunati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti,

Wara li rat l-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati u tikkundannah ghal perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija li, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal sena u nofs.

Il-Qorti tordna wkoll li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-imputat ghandu jhallas lil Antoine Cini s-somma ta' sitt mija u disgha u sebghin Euro (€679) rapprezentanti danni kagunati lilu, liema danni jrid ihallashom sa' l-ghaxra ta' filghaxija (10.00p.m.) tallum stess.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena u nofs.

Kopja ta' din is-sentenza ghandha tintbaghat lill-Avukat Generali skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------